MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH AZZOPARDI

Seduta tat-28 ta' Gunju, 2005

Citazzjoni Numru. 1575/2000/1

**Eskay Enterprises (U) Ltd.**

**-vs-**

**Raymond Mallia**
**U**
**Blye Engineering Company Ltd.**

**Il-Qorti;**

Rat l-att tac-citazzjoni pprezentat fis-27 ta' Lulju, 2000 li permezz tieghu s-socjeta' attrici ppremettiet:

Illi s-socjeta' attrici handha tiehu minghand il-konvenuti dik is-somma f' valur monetarju malti, skond i-ata tal-kambju vigenti,

ekwivalenti ghal (US$ 90,854) disghin elf u tmien mija u erbgha u hamsin Dollaru Amerikan rappresentanti kommissjonijiet dovuta lis-socjeta' attrici kif ukoll spejjez inkors mill-istess fir-rigward ta' kuntratti ta' appalt lill-konvenuti minghad is-socjeta' attrici.

Illi minkejja interpellati sabiex ihallsu permezz ta' ittra ufficjali datata 16 ta' Mejju 2000, u debitament notifikata, il-konvenuti baqghu inadempjenti.

Ghalhekk titlob lil din l-Onorabbli Qorti ghaliex m' ghandhiex:

1. Tikkundanna l-konvenuti jhallsu lis-socjeta' attrici s-somma f' kambju ta' Lira Maltija li tkun ekwivalenti ghal (US$ 90,854) disghin elf u tmien mija u erbgha u hamsin Dollaru Amerikan, fil-mument tal-hlas effettiv, kollox kif intqal fuq u ghar-ragunijiet fuq premessi.

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittra ufficcjali tas-16 ta' Mejju, 2000 u bl-imghaxijiet legali mid-data tal-kuntratti tal-appalt relattivi kontra l-konvenuti li jibqghu ngunti ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni tas-socjeta' attrici mahlufa mill-Avukat Dottor Carlo Bisazza u l-lista tax-xhieda.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tas-socjeta' konvenuta pprezentata fis-6 t' Ottubru, 2000 li permezz taghha eccepiet:

1. Illi s-socjeta' attrici, qua' socjeta' estera, m' ghandhiex il-kapacita' legali biex tiftah kawzi f' Malta u ghalhekk l-eccipjenti ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju bl-ispejjez;

2. Illi bla pregudizzju ghas-suespost, is-socjeta' attrici ma gabet ebda garanzija idoneja biex taghmel tajjeb

ghall-ispejjez kbar involuti f' din il-kawza u ghal din ir-raguni

wkoll l-eccipjenti titlob il-liberazzjoni mill-osservanza tal-gudizzju;

3. Illi fi kwalunkwe kaz ic-citazzjoni hija nulla ghaliex (a) ma tispecifikax jekk l-allegati appalti gewx esegwiti Malta jew barra u lanqas kif u fuq liema bazi legali giet likwidata s-somma ngenti mitluba fic-citazzjoni; u (b) d-dikjarazzjoni annessa maghha ma nhalfitx minn rappresentant legali tas-socjeta' estera;

4. Illi inoltre l-azzjoni attrici hija preskritta a tenur tal-Art. 2149 (d) tal-Kodici Civili.

5. Illi dejjem bla pregudizzju ghas-suespost, l-azzjoni attrici hija ndondata fil-fatt u fid-dritt stante li l-eccipjenti ma' nghatat ebda appalt mis-socjeta' attrici u fi kwalunkwe kaz m' ghandha taghtiha xejn.

6. Salvi eccezzjonijiet ohra jekk u meta jkun il-kaz.

Rat id-dikjarazzjoni tas-socjeta' konvenuta mahlufa minn Raymond Mallia bhala Managing Director u l-lista tax-xhieda.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut Raymond Mallia pprezentata fis-6 t' Ottubru, 2000 li permezz taghha ecceppixxa:

1. Illi l-eccipjenti m' huwhiex il-legittimu kuntradittur u ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju bl-ispejjez stante li qatt ma' kellu x' jaqsam xejn mas-socjeta' attrici.

2. Illi subordinatament u bla pregudizzju ghas-suespost, is- socjeta' attrici bhala socjeta' estera, m'

ghandhiex il-kapacita' legali biex tiftah kawza simili u ghal din ir-raguni l-eccipjent ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju bl-ispejjez;

3. Illi fi kwalunkwe kaz ic-citazzjoni hija nulla ghaliex (a) ma tispecifikax jekk l-allegati appalti gewx esegwiti Malta jew fl-esteru u kif u fuq liema bazi legali giet likwidata s-somma mitluba u (b) d-dikjarazzjoni ma nhalfitx skond il-Ligi minn rappresentant legali tas-socjeta' estera;

4. Illi dejjem bla pregudizzju ghas-suespost, is-socjeta' attrici ma gabitx garanzija idoneja biex taghmel tajjeb ghall-ispejjez gudizzjarji kbar involuti f' din il-kawza u ghaldaqstant ukoll l-eccipjent jitlob il-liberazzjoni mill-osservanza tal-gudizzju.

5. Salvi eccezzjonijiet ohra jekk u meta jkun il-kaz.

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenut mahlufa u l-lista tax-xhieda.

Rat l-atti processwali.

Rat il-verbal tas-seduta tas-6 t'April, 2005 li permezz tieghu l-kawza thalliet ghas-sentenza dwar l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni sollevata mis-socjeta' konvenuta.

Ikkunsidrat.

Illi l-konvenuti qed jeccepixxu l-preskrizzjoni ai termini tal-Artiklu 2149(d) illi jghid hekk;

*Azzjonijiet tal-bennejja ta' ... prokuraturi ohra, jew mandatarji ghall-hlas li jmisshom, ghall-ispejjez li jaghmlu, ghall-indenniz li jkollhom jiehdu ghat-telf li jbatu u ghar-radd tal-flus li johorgu minn taghhom...*

Din l-azzjoni hija, skond dan l-artikolu prekrivibbli wara sentejn. Ghalhekk billi l-kawza qed issir a bazi ta' kuntratt li sar

fl-1993 bejn is-socjeta' attrici u dik konvenuta huwa l-artiklu applikabbli fejn jirrigwardja preskrizzjoni dwar il-vertenza.

Hu pacifiku li l-preskrizzjoni tibda ghaddejja. Kif infatti irreteniet il-Qorti tal-Appell fil-kawza fl-ismijiet <u>Quintano vs Calleja</u> (deciza 5 ta' April, 1993).

*Il-Qorti ma tifhimx kif qatt il-konvenuti jippretendu illi tiddeciedi l-kwistjoni tal-preskrizzjoni minghajr ma tindaga minn meta l-allegata preskrizzjoni setghet bdiet tghaddi ghaliex hija l-ligi li tistabilixxi f'kull kaz id-dati li minnhom tibda tiddekorri u li fiha jaghlaq kull perjodu ta' preskrizzjoni*.

F'din il-kawza l-partijiet strahu fuq l-atti minghajr ma resqu provi fuq dan il-punt. Billi si tratta ta' provi fuq eccezzjoni tal-konvenuti, kien jispetta lilhom li jressqu l-provi dwar dan. Billi dan naqsu li jaghmluh u skond il-verbal tas-seduta tas-6 ta' April, 2005 irreferew ghall-atti, il-Qorti jkollha ukoll toqghod fuq l-atti processwali li pero' huma illuminanti. Minn dawn irrizulta;

1. Li l-kuntratt sar fl-1993;

2. Illi l-kontijiet finali dwar ix-xogholijiet li lahqu saru ntbaghat lil-konvenut f'Jannar 1996 u hu stess fit-18 ta' Jannar, 1996 assikura lill-atturi li kienu ser jithallsu (fol 80);

3. L-atturi ppresentaw ittra ufficjali f'Mejju 2000 (ma hemmx prova tan-notifika).

4. Il-kawza giet presentata f'Lulju 2000 u notifikata f'Settembru 2000.

Illi ghalhekk ai termini tal-Artikolu 2149 kienu ghaddew is-sentejn imsemmija biex it-talba tkun preskritta.

Madankollu l-Artikolu 2151 jghid;

(1) *Fil-kazijiet imsemmijin fl-ahhar erba' artikoli qabel dan ikun hemm lok ghall-preskrizzjoni ghad li kien hemm kontinwazzjoni ta' fornituri, kunsinni bil-kreditu, kunsinni, xoghlijiet, servizzi jew qadi iehor.*

(2) *Izda f'kull kaz bhal dan, jekk il-kreditu ghal dawn il-fornituri, kunsinni, xoghlijiet, servizzi jew qadi iehor jirrizulta minn kont accettat mid-debitur jew minn dikjarazzjoni ohra tad-debitur, l-azzjoni ma taqax bi preskrizzjoni hlief bl-eghluq ta' hames snin li jibdew mid-data tal-kont jew ta' dik id-dikjarazzjoni.*

Fid-dokument imsemmi, il-konvenut Mallia ghan-nom ta' Bye Engineering Co. Ltd, kiteb hekk; *NBA commission will be transferred to you tomorrow. I have never said that I will not pay you the USD 6238.00. this is only your opinion. What is due to you as expenses I will also pay.*

Fil-fehma tal-Qorti din il-kitba tikkostitwixxi l-accettazzjoni da parti tas-socjeta' konvenuta li sa dakinhar il-kont kien accettat u ghalhekk il-preskrizzjoni bdiet tghaddi minn dakinhar u cioe' Jannar 1996. Ghalhekk anke wiehed jiehu n-notifika tac-citazzjoni bhala d-data li nterrompiet il-preskrizzjoni, din saret entro' l-hames snin.

**Ghal dawn il-mottivi l-Qorti tichad l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni u tordna li l-kawza titkompla.**

**Spejjes ta' din l-istanza jithallsu mis-socjeta' konvenuta.**

**Moqrija.**

**< Sentenza In Parte >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------